KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**7/20**

**Il-Għoxrin (20) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu, 2016 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Dott Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 18 li saret fl-4 ta' Frar 2016

   Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 19 li saret fit-12 ta' Frar 2016

3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti
4. Approvazzjoni
   i. Skeda ta' pagamenti
   ii. Purchase Orders
   iii. Works Orders
   iv. Petty Cash
5. **Ordnijiet tal-ġurnata**
   a) Proposti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta għal-użu tal-fondi ta' CPPS fil-lokalita tal-Mosta għal titjib fil-kwalita tal-ħajja fil-kommunita tal-Mosta.
6. Korrispondenza
7. Kommunikazzjoni mis-Sindku

8. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fit-7.50 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 18 li saret 4 ta' Frar 2016**

Il-minuti tat-tmintax (18) Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 4 ta' Frar ġiet approvata b'mod unanimu.

**Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa B'Urġenza Nru 19 li saret 12 ta' Frar 2016**

Il-minuti tas-dsatax (19) Laqgħa b'Urġenza li saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar ġiet approvata b'mod unanimu.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti**

3.1.1 **Minuta 3.1** – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva informazzjoni li biex isir il-fencing tal-pont ta Wied il-Għasel trid isir applikazzjoni mal-MEPA sabiex b'hekk ikollna permessi kollha meħtieġa . Il-membri qablu unanimament.

3.1.2 Is-Sindku nforma lill-membri li f'tarf ta Triq Ġorġ Mitrovich għandhom isiru tabelli one way except for garage owners. F'dan ir-rigward il-Kunsill Lokali irid jikteb lil Transport Malta għal-approvazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkumenta sabiex issir talba għal awtorizazzjoni sabiex b'hekk ħadt ma jkun jista jabbuża mill-liġi. Il-membri qablu unanimament.

3.1.3 Is-Sindku nforma lill-membri li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa uffiċċjali mad-Direttur tal-PAMA u ġew rikjesti u diskuss ix-xogħol kollu li talab il-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-membri li sa issa ma rċevejna l-ebda kommunikat.

3.1.4 Is-Sindku qal li dwar Triq Carmelo Dimech l-parti bejn Triq il-Pont u Triq Guzeppi Hyzler għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti qabel ma tinħareġ talba sabiex triq issir one way.

## 4.0 Approvazzjoni

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 5 Ordnijiet tal-ġurnata

### a) Proposti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta għal-użu tal-fondi ta' CPPS fil-lokalita tal-Mosta għal titjib fil-kwalita tal-ħajja fil-kommunita tal-Mosta.

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li rċieva informazzjoni mill-MEPA li mill-fond ta CPPS ma jistax jitħallas xogħol ta ' tarmak fit-toroq. Minkejja dan l-istess MEPA indikat li mmedjatament jista' jibda l-proċess tat-talba għall-ħidma mitluba mill-istess Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jkun qed jagħmel it-talba formali għall-fondi ta CPPS. Iżda mhux ser ssir talba għal xogħol ta' għoti ta' tarmac f'toroq ta' żona ta' Santa Andrija.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir din it-talba formali lill-MEPA.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Kunsill irrid jirranġa d-dokument kif talbu MEPA u jkollna BOQ tax-xogħol rikjest fejn liema BOQ trid issir mill-punt tal-Kunsill. Wara li dan ix-xogħol ikun sar nerġgħu nibgħatu kollox lill-MEPA għall-approvazzjoni tagħhom.

### 5b) Diskussjoni rigward l-għoti għat-tender KLM 04/2015

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill bir-riżultat tal-kumitat tal-aġġudikazzjoni fejn kien indikat li l-irħas proposta kienet ta WM Environmental Ltd filwaqt li runner up bi ftit differenza kienet ta Northern Cleaning Group. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li proċess tal-aġġudikazzjoni kien sar bil-proċedura tal-MEAT.

Is-Sindku talab sabiex jagħmel l-argument tiegħu rigward ir-riżultat ta din il-proċedura .

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu jħoss li minkejja l-kuntrattur WM Environmental Ltd huwa indikat bħala l-Kuntrattur li għandu jingħata l-kuntratt, is-Sindku, li hu responsabbli mill-indafa u li issa ilu jsegwi l-ħidma tal-kuntratturi,jħoss li l-kuntrattur li ġab l-aktar punti f'din it-tender abbażi tal-proċedura MEAT m'għandhux ikun il-kuntrattur li jieħu din l-offerta.

Fil-preżent is-Sindku qal li WM Environmental Ltd għandu numru ta kuntratti oħra mal-istess Kunsill u kemm il-darba dan l-istess kuntrattur jaħdem bl-istess mod bil-ġbir tal-iskart, fil-Mosta ikollna problemi kbar fir-rigward tal-ġbir tal-iskart.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa tal-opinjoni li dan it-tender jingħata li tieni kuntrattur li ġab 97.2% li fil-fatt huwa l-kuntrattur preżenti – Northern Cleaning. Sindku hu tal-opinjoni li l-kunsill jista' jagħżel li l-kuntrattur li jaħseb li huwa l-aktar effiċjenti u cost effective għal ħtiġijiet tal-kommunita. Ovvjament irrid ikun hemm raġunijiet validi biex isir hekk għaliex il-kuntrattur preferut bis-sistema MEAT għandu kull dritt li jappella mid-deċiżjoni tal-kunsill.

Il-Kunsilliera Alex Muscat spjega lis-Sindku u lill-membri preżenti li huwa jħoss li din it-tender għandha tingħata skont kif tintalab il-proċedura tat-tenders f'dan il-kaz il-proċedura tal-MEAT sabiex b'hekk ma nkunux qegħdin niksru il-liġi. Huwa kompla jgħid li ma jaqbilx ma l-argument tas-Sindku għaliex ġaladarba l-offerent ikun tefa t-tender u l-istess offerent ma jkollux default notices m'għandhux ikun diskriminat għal fatt li diġa jkollu kuntratti oħra mal-Kunsill. Is-Sur Alex Muscat qabel mas-Sindku li l-Kunsill ma jistax jilmenta fuq il-kuntrattur attwali tal-Kunsill għax dejjem wettaq xogħlu tajjeb iżda minn naħa l-oħra l-offerenti l-oħra ma jistgħux ikunu diskriminati minħabba dan il-fattur.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu talab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kjarifika dwar dan. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li skont id-Dipartiment li ġaladarba din is-sejħa għall-offerti ser tiġi aġġudikata bil-MEAT , Il-Kunsill Lokali għandu jaġġudika din is-sejħa lill dak l-offerent li ġab l-aktar marki. Barraminhekk id-Dipartiment qal li l-Kunsill għandu dejjem jimxi skont ir-regolamenti u proċeduri dwar offerti tal-Kunsilli Lokali.

F'dan il-waqt infetħet id-diskussjoni fost l-kunsilliera .Numru ta kunsilliera wrew xewqa tagħhom li jagħmlu l-għażla tagħhom favur il-parir mogħti mid-Dipartiment għaliex hekk ħassew li huma obbligati legalment li jagħmlu u kien hemm numru ta kunsilliera oħra nkluż is-Sindku li sostnew l-argument li għandhom id-dritt jagħmlu l-għażla tagħhom skont min jaħsbu li jkun l-aħjar.

L-Aġent Segretarju ntervjena u nforna lill-Kunsill li bil-proċedura MEAT il-kunsill ma kellu l-ebda għażla oħra li jingħażel dak il-kuntrattur li ġab l-aktar punti waqt aġġudikazzjoni.

Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jaħseb rigward il-possibilita li dan il-kuntratt ma jingħata lill-ebda kuntrattur u jerġa jinħareġ mill-ġdid. Dan bil-ħsieb li fil-kuntratt il-ġdid ikun hemm rikjesti aktar ċari sabiex fost l-oħrajn il-kuntrattur meta ikun mitlub skont il-ħtieġa li jiġbor boroż tal-iskart anke wara li tkun saret id-dawra tal-kollezzjoni l-kuntrattur ma jkunx jista jirrifjuta. Is-Sindku saħaq li jixtieq jagħmel dawn il-bidliet biex ikun hemm serħan tal-moħħ li proċeduri llum eżistenti mal-kuntrattur preżenti, buona fede isiru proċeduri rikjesti mill-istess kuntratt.

Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jipposponi it-teħid tad-deċiżjoni għal laqgħa oħra sakemm l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jerġa jitlob id-dipartiment direzzjoni legali rigward jekk hemmx proċeduri li permezz tagħhom il-kunsill jista jirtira deċiżjoni tiegħu rigward il-ħruġ ta dan il-kuntratt, u jerġa joħroġ sejħa ġdida għal kuntratt li jkun aktar tessattiv minn dan preżenti u jinkludi aktar rikjesti mill-kuntrattur li jista' jirbaħ l-aġġudikazzjoni bil-MEAT.

Il-Kunsillier Alex Muscat nforma lill-membri li biex wieħed iwaqqaf tender maħrug u magħluq irid ikun hemm raġunijiet validi ħafna fejn kif jidher liema ragunijiet validi ma kienux qed jingħataw.

Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera kien hemm qbil unanimu li deċiżjoni rigward jekk għandhux isir kuntratt ġdid tittieħed fil-laqgħa li jmiss, wara li l-Kunsill ikun irċieva direzzjoni mingħand id-Dipartiment u sussegwentament skont din risposta l-Kunsill jieħu deċiżjonijiet tiegħu.

## 6. Korrispondenza

### 6.1 Korrispondenza Nru 1 – Bejgħ waqt il-jiem tal-Gimgħa Mqaddsa

Is-sindku irrimarka li kull min ibiegħ irrid ikun reġistrat bil-VAT il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-fatt li għal din is-sena isir bejgħ mill-għaqdiet volontarji Mostin kif mitlub. Is-Sindku talab li l-Avukat tal-Kunsill jara x'parir jgħaddi lill-Kunsill rigward din it-talba.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

### 6.2 Korrispondenza Nru 2 – Ittra ta' Avviz Nru 651/15DMA re Triq il-Fortizza Mosta –Parir tal-avukat rigward din l-ittra.

F'dan il-mument is-Sindku talab sabiex joħroġ temporanjament mill-laqgħa minħabba li din il-korrispondenza kienet tirrigwardja lil xi ħadt

relatat miegħu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-kawża ta kif l-Onorabbli Tribunal għat-talbiet żgħar ta sentenza fl-20 ta' Novembru 2015 fejn il-Kunsill ġie ikkundannat is-somma ta 567.28 Ewro li s-Sur Joseph Scerri minħabba ħsarat li kienu saru minħabba aċċident stradali li sar fi Triq li kienet fi stat ħażin fil-Mosta. Il-membri qablu unanimament sabiex isir dan il-ħlas.

Is-Sindku reġa daħal fil-kamra għal kumplament tal-laqgħa.

**6.3 Korrispondenza Nru 3 – Family Resource Centre in Zokrija**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-sur Joe Borg f'isem il- Ministeru tal-Familja u Solidarjeta Soċjali fejn dawn qed jitolbu il-Kunsill jirilaxxja il-garaxxijiet minn 1 sa 4 fi Triq iż-Żokrija. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li minħabba l-fatt li l-Kunsill qiegħed jagħmel użu min dawn il-garaxxijiet l-istess Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jirilaxxhom . Il-Viċi Sindku Ivan Bartolo ikkumenta li l-Kunsill għandu jgħin f'din it-talba għaliex il-ħidma tal- ~~ETC~~ hija meħtieġa għal kommunita ta' ~~Mlt.~~ Mosta Ministeru tal-Familja Solidarjeta

Il-kunsillier Alex Muscat issuġerixxa sabiex ninfurmaw lil-Ministeru tas-Solidarjeta Soċjali sabiex jikkunsidraw li jagħmlu użu mill-bini l-antik li hemm tal-ETC li hemm fi Triq Sant Anna. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lis-Sur Borg b'dan kollu.

Il-membri qablu unanimament.

**6.4 Korrispondenza Nru 4 – Zebra Crossings**

Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza sabiex isir zebra crossing fi Triq Burmarrad . Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li għandna niktbu lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

**6.5 Korrispondenza Nru 5 – Problema ta Parkeġġ – Triq Sant'Anna**

Rigward din il-korrispondenza ta parkeġġ fi Triq Sant Anna. Il-Kunsill qabel sabiex s-Sur Philip Azzopardi jagħmel spezzjoni dwar dawn l-ilmenti ta parkeġġ f'din it-triq sabiex wara jkunu stabiliti dawn il-problemi isir ix-xogħol meħtieġ.

**6.6 Korrispondenza Nru 6 – tiswija li hemm bżonn fi Triq Madre Tereza u organizazzjoni mill ġdid tal-parkegg f'parti mill-Pjazza.**

Is-Sindku nforma lill-membri li sitwazzjoni partikolari li teżisti fi Pjazza Rotunda rigward il-bus bay kbira li tinsab fi Triq il-Kostituzzjoni . Il-Kunsill

qabel sabiex tinkiteb ittra lil Transport Malta biex tikkunsidra it-talba tal-Kunsill . Il-membri qablu unanimament.

Rigward korrispondenza fi Triq Madre Tereza fiż-żona tal-Wej din triq għadha mhux miftuħa għal kollox jonqos biss parti żgħira . F'din il-parti ta triq teżisti problema li meta tagħmel ix-xita jinġabar ħafna ilma f'din il-parti tat-triq b'mod li tiġi diffiċli ħafna għar-residenti biex jidħlu u joħorġu minnha. Kunsilli preċedenti kien ħa ħsieb li jiftaħ bokka żgħira fiċ-ċint li jifred triq ma l-għalqa pero minħabba ammont ta radam li hemm wara l-istess ċint xorta waħda ilma mhux qed jipperkola.

Is-Sindku nforma lill-Kunsillier Alex Muscat sabiex isir laqgħa bejniethom mas-sid art biex isir talba għal permess ta' tindif ta din il-parti u b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti. Il-membri qablu unanimament.

**6.7 Korrispondenza Nru 7 - Tables and chairs permit**

Is-Sindku nforma lill-membri lis-Sur N. Vella jixtieq sabiex quddiem ic-Chick King jibdew jinħarġu mwejjed u siġġijiet fuq platform. Is-Sindku ssuġerixxa lill-membri li qabel ma jsiru il-parking ta taħt l-art mhuwiex tal-idea li jinħarġu permessi bħal dawn minħabba l-fatt li kien hemm talbiet simili u ġew irrifjutati . Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**6.8 Korrispondenza Nru 8 – Libraries Day**

Is-Sindku qara ittra fejn il-Kunsill kif ukoll id-Dipartiment wera xewqa li ssir ittra lil tal-ħwienet tal-Mosta biex ituna donazzjonijiet ta kotba fl-okkażżjoni ta' Libraries Day li ser tkun fit-23 ta' April. Il-Kunsill qabel li għandha tintbaghat din l-ittra flimkien ma lista ta kotba annessa fejn id-data ta l-għeluq tkun sa l-Erbgħa 30 ta Marzu .

**6.9 Korrispondenza Nru 9 – Persuni B'Diżabilita Mosta**

Is-Sindku qara ittra ta korrispondenza fejn il-kunsill qed jitlob l-għajnuna tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita biex jgħaddulna lista ta persuni b'diżabilita li hemm reġistrati ma l-istess kummissjoni. Il-Kunsill qed jitlob jekk jistax jingħata permess sabiex ikun jista jinforma lil dawn il-persuni bl-attivitajiet organizzati minn żmien għal żmien. Il-membri qablu unanimament.

## 7.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku

1. **Marco Briffa**

   Is-Sindku ressaq talba tas-Sur Marco Briffa sabiex jingħata l-ammont dovut lilu ta 501.98 Ewro għal ħinijiet li għamel bħala overtime u li qatt ma tħallas għalihom . Is-Sur Marco Briffa ehmeż mal-ittra tiegħu ir-rassenja bil-ħinijiet li kien ħadem u liema ħinijiet huma ċertifikati bit-timbru tal-Kunsill Lokali flimkien mal-firma tas-Segretarju preċedenti. F'dan ir-rigward is-Sindku nforma lill-membri li ser jittiħed parir mingħand l-avukat sabiex naraw kif ħa nipproċedu. Il-membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu.

2. **Sports Experience- Trophies for bird show**

   Is-Sindku nforma lill-membri li ta kull sena il-Kunsill ħa ħsieb sabiex jagħmel l-attivita tal-Bird Show . F'dan rigward is-Sindku talab lill-membri jekk jaqblux li tkun allokata 500 Ewro għal din l-attivita li ssir kull sena. Il-Kunsillier Alex Muscat issekonda Sindku filwaqt lill-membri qablu b'mod unanimu.

3. **Zebra Crossing Vjal Ragusa**

   Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill Lokali irċieva fuq talba biex isir zebra crossing fi Vjal Ragusa Mosta . Il-Kunsill Lokali qabel ma din il-proposta u għaldaqstant ġie mitlub biex jintbagħat kommunikat għall-attenzjoni Transport Malta.

4. **Dikjarazzjoni ta ftehim ta qbil bejn il-Mosta Football Club u residenti ta Triq il-Manwella u Triq Bufula Ħamra Mosta waqt laqgħa ta konsultazzjoni pubblika imsejjħa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta**

   Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill Lokali li ser ssir dikjarazzjoni ta ftehim bejn Mosta Football Club u resident ta' Triq Manwella u Triq Bufula Ħamra sabiex

   Waqt din il-laqgħa tad-diskussjoni intlaħaq il-qbil bejn ir-residenti tal-Mosta Football Club fej il-Mosta Football Club jiddikjara li :

   a) M' għadux aktar interessat li jkompli iżid mas-seating li hemm fuq in-naħa ta Triq il-Manwella.
   b) Mhux interessat li jżid mal-*boundary wall* eżistenti tal-perspex.
   c) Mhux interessat iżid filati oħra mal-*boundary wall* eżistenti llum.

**d)** Mhux interessat li jżid *ticket booths* ma dawk li hemm fil-preżent.

Iżda l-interess prinċipali li għandu l-Mosta Football Club huwa li jkompli jiżviluppa l-binja ta wara l-istess ground li ser tkun tiġbor fiha dressing rooms, uffiċini u spazju għal-attivitajiet oħra konċernati mal-istess faċilita tal-ground.

Minn naħa tagħhom ir-residenti qed jaslu fi qbil li la darba il-Mosta Football Club qed jiddikjaraw li mhux ser iżidu mal-iżvilupp li diġa sar fil-football ground fuq in-naħa ta Triq Manwella huma bħala residenti li ressqu l-oġġezzjoni tagħhom għal dan l-iżvilupp, lesti li jirtiraw l-oġġezzjoni tagħhom, u għaldaqstant jiddikjaraw wkoll li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni għal iżvilupp tal-binja ta wara l-ground.

## 5. Laqgħa mal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Tnaqqis ta Burokrazija

Is-Sindku nforma lill-membri tal kunsill li waslitilna kommunikazzjoni mingħand l-Onorevoli Anthony Agius Decelis sabiex jiltaqa mal-membri tal-Kunsill u jiġi diskuss is-suġġett tas-simplifikazzjoni nhar il-Ġimgħa 8 ta' April 2016 fis-7.00 p.m.fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Il-membri qablu unanimament

## 8.0 Aġġornament

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **it-Tlieta 12 ta' April 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-10.50 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 12.04.2016